

# Kwadru tal-Immakulata u San Ġwann il-Battista fil-Knisja Arċipretali ta' San Filep f'Ħaż-Żebbuġ

Mario Fenech

Il-knisja arċipretali ta' San Filep f'Ħaż-Żebbuġ hija waħda minn dawk il-knejjes li fiha hemm miġburin għadd kbir ta' opri sagri bi storja interessanti li teħodna lura sew fis-snin.

Ir-Raħal huwa wieħed antik u kien twaqqaf bħala parroċċa mill-Isqof Senatore de Mello fis-sena 1436. Matul is-snin, bosta kienu dawk l-artisti kbar li ħallew il-firma tagħhom fuq opri sagri ta' valur kbir li jżejnu mhux biss il-knisja arċipretali, iżda wkoll numru sabiħ ta' knejjes żgħar li hemm fil-limiti ta' dan ir-raħal.

Wieħed minn dawn l-artisti huwa Antoine de Favray, li huwa magħruf sew għal numru ta' xogħlijiet sbieħ li għamel fil-knejjes tagħna. Fil-knisja arċipretali ta' San Filep, fost xogħlijiet oħra, għamel is-sotto kwadru ta' Marija Addolorata li hemm fuq l-Artal tal-Erwieħ, erba' kwadri li tnejn minnhom kienu mal-ġnub tal-Kwadru tal-Immakulata qabel ma ġew mibnija n-navi tal-knisja, li huma ta' San Alwiġi u ta' San Franġisk Saverju, li flimkien mażżewġ kwadri l-oħra tiegħu, jiġifieri dak ta' Sant' Agata u dak ta' San Kalċidonju, jinsabu fl-oratorju li hemm biswit il-knisja.

Qabel ma nbnew in-navi, fuq wieħed mill-artali kien hemm kwadru li fih hemm ix-xbieha tal-Immakulata Kunċizzjoni flimkien ma' San Ġwann l-għammiedi.



Dan il-kwadru sar b'wegħda wara li ntemmet l-imxija tal-marda tal-pesta tas-sena 1783, u kien sewa s-somma ta' 220 skud.

Meta l-artist Favray pinġa dan il-kwadru, huwa ġabar flmkien żewġ devozzjonijiet kbar li f'dak iż-żmien kienu jeżistu fil-gżejjer Malltin, dik tal-Immakulata u l-oħra ta' San Ġwann, li kien il-qaddis patrun tal-Ordni tal-Kavallieri, li dak iż-żmien kienu jaħkmu lill-poplu Malti.

Il-figura tal-Immakulata hija waħda sabiħa u tidher merfugħa 'l fuq, akkumpanjata minn żewġ anġli kbar li qegħdin iħarsu lejn id-dija divina li tidher ħierġa mill-istellarju li hemm madwar ras l-Immakulata.

Fil-parti ta' fuq tat-tila hemm il-Missier Etern, li b'idu jidher li qed juri t-triq lejn l-glorja tal-Ġenna, filwaqt li fuq nett tat-tila, hemm ix-xbieha tal-Ispirtu s-Santu fil-forma ta' ħamiema bajda.

Fil-pati t'isfel tat-tila, bilqiegħda fuq blat xagħri, naraw lil San Ġwann il-Battista. Waqt li f'id minnhom qed iżomm is-simbolu tal-Fidwa, b'idu l-oħra qed juri l-figura sabiħa tal-Immakulata.

Mal-ġenb tal-qaddis, nistgħu naraw nagħġa bajda flimkien ma' arzella li permezz tagħha, San Ġwann kien jgħammed lin-nies bi tħejjija għall-wasla tal-Feddej tal-Ġnus.

Dan is-suġġett fil-kwadru, tal-Immakulata Kunċizzjoni flimkien ma' San Ġwann il-Battista, ingħażel mill-artist tant u tant snin ilu, sewwasew fis-sena 1783.

Din ir-rabta qegħdin ngħixuha llum f'lokalità li hija taħt il-ħarsien tal-Madonna ta' Lourdes, li f'waħda mid-dehriet tagħha lil Santa Bernardina, qalet il-kliem "Jiena Jien l-Immakulata Kunċizzjoni", lokalità li ġġib ukoll l-isem ta' San Ġwann l-Għammiedi.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.




